**23 ta' April**
**SAN ĠORĠ, Martri**
(Tifkira Obbligatorja fid-Djoċesi ta' Għawdex)

*Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

V/. Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

**Salm 94 (95)**

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Ejjew, ħa nfaħħru bil-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma l-qigħan tal-art,
tiegħu huma l-qċaċet tal-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!”.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. Amen.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh. Hallelujah.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen. Hallelujah.

## INNU

Insellmulek, martri u vittma,
f'dan il-jum tal-festa tiegħek,
li fih ħadt, bi ħlas ta' demmek,
il-kuruna tar-rebbieħa.

Inti llum għelibt il-qawwa
ta' min ħaqrek u temm ħajtek;
u mid-dlam ta' dinja msejkna
dħalt fid-dawl u l-ferħ ta' Sidek.

Isseħibt mal-anġli mbierka,
kollok dija u ġmiel bil-libsa
li ħsilt b'demmek, xħin bla biża'
tajt quddiem kulħadd ix-xhieda.

Ieqaf issa magħna, u itlob
lil Ġesù, ħanin u twajjeb,
biex il-grazzja fuqna jsawwab
u ħtijietna kollha jħassar.

Ressaq lejna bit-talb tiegħek
il-għajnuna ta' Bin Alla, biex
iħeff minn fuqna t-toqol
tul it-triq, bil-maħfra tiegħu.

Lill-Missier kull ġieħ jingħata,
ġieħ lill-Iben, lill-Ispirtu,
Alla wieħed, li fis-sema
żejnek b'sebħ u ferħ għal dejjem. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi; imma min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar dan isalva, hallelujah.

## Salm 43 (44)

## I

O Alla, b'widnejna aħna smajna, *
qaluhulna missirijietna,
dak li int għamilt fi żmienhom, *
li għamilt b'idek fiż-żmien l-imgħoddi.
Il-ġnus keċċejt, u lilhom ħawwilt f'arthom; *
il-popli għakkist, u lilhom frixt bħal friegħi.

Ma kienx b'sejfhom li huma ħadu l-art, *
jew bi driegħhom li kisbu r-rebħa;
kienet il-leminija tiegħek u d-driegħ tiegħek, *
u d-dija ta' wiċċek, għax int ħabbejthom.

Inti s-sultan tiegħi u Alla tiegħi, *
li tajt ir-rebħa lil Ġakobb.
Bik nitfgħu lura l-għedewwa tagħna, *
f'ismek nirfsu fuq dawk li jqumu għalina.

Għax mhux fl-ark tiegħi jien nafda, *
anqas is-sejf tiegħi ma jrebbaħni.
Imma int teħlisna mill-għedewwa tagħna, *
u tfixkel 'il dawk li jobogħduna.
F'Alla niftaħru l-ħin kollu; *
ismek infaħħru għal dejjem.

Glorja.

Ant. 1: Lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi; imma min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar dan isalva, hallelujah.
Ant. 2: It-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mas-sebħ li għad irid jidher fina, hallelujah.

## II

Imma issa warrabtna u ċekkintna, *
ma għadekx toħroġ mal-eżerċti tagħna.
Ġegħeltna nduru lura minn quddiem l-għadu; *
dawk li jobogħduna ħatfulna ħwejjiġna.
Tlaqtna bħal nagħaġ għall-qatla, *
u fost il-ġnus xerridtna.

Bgħett il-poplu tiegħek għal ħaġa żgħira; *
ma qlajtx wisq mill-bejgħ tiegħu.

Waqqajtna għaż-żeblieħ tal-ġirien tagħna, *
għaċ-ċajt u t-tkasbir ta' dawk ta' madwarna.
Ġibtna fi lsien il-ġnus, *
u l-popli jħarsu lejna u jħarrku rashom.
L-għajb tiegħi quddiemi l-jum kollu, *
il-mistħija tgħattili wiċċi,
għall-kliem ta' żeblieħ u tkasbir, *
quddiem l-għadu li jitħallas minni.

Glorja.

Ant. 2: It-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mas-sebħ li għad irid jidher fina, hallelujah.
Ant. 3: Bħalma d-deheb jgħadduh min-nar, hekk il-Mulej għadda l-magħżulin tiegħu, u bħal vittma tas-sagrifiċċju laqagħhom għal dejjem, hallelujah.

## III

Dan kollu ġralna, għalkemm ma nsejniekx, *
għalkemm ma ksirniex il-patt tiegħek.
Ma dorniex mill-fehma tagħna, *
anqas ħarġu minn triqtek riġlejna.
Imma int sħaqtna f'art il-klieb selvaġġi, *
u b'dell il-mewt għattejtna.

Li kieku nsejna isem Alla tagħna, *
jew ftaħna jdejna quddiem xi alla barrani,
ma kienx Alla b'dan jintebaħ, *
hu li jagħraf x'hemm moħbi fil-qalb?
Minħabba fik joqtluna l-jum kollu, *
jgħodduna bħal nagħaġ għall-qatla.

Qum! Għax int rieqed, Sid tiegħi? *
Stenbaħ! La twarrabniex għal dejjem.
Għaliex taħbi wiċċek minna? *
Għaliex tinsa d-dwejjaq u t-tgħakkis tagħna?

Għax fit-trab ninsabu mitluqa, *
mixħuta mal-art minn tulna.
Qum! Ejja biex tgħinna! *
Eħlisna, f'ġieħ it-tjieba tiegħek!

Glorja.

Ant. 3: Bħalma d-deheb jgħadduh min-nar, hekk il-Mulej għadda l-magħżulin tiegħu, u bħal vittma tas-sagrifiċċju laqagħhom għal dejjem, hallelujah.

V/. Id-diqa u n-niket waqgħu fuqi, hallelujah.
R/. Il-kmandamenti tiegħek baqgħu l-għaxqa tiegħi, hallelujah.

**LEZZJONI 1**

Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu.  Ġw 7:9-17

*Id-dehra tal-kotra kbira tal-magħżulin*

Jiena Ġwanni, ħarist, u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, libsin ilbiesi twal bojod, u bil-friegħi tal-palm f'idejhom. U għollew leħinhom u bdew jgħidu: "Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf".

L-Anġli kollha kienu qegħdin madwar it-tron u madwar ix-Xjuħ u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin, u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiem it-tron jagħtu qima lil Alla u jgħidu: "Amen. It-tifħir u l-glorja, l-għerf, ir-radd ta' ħajr u l-ġieħ, il-qawwa u s-saħħa lil Alla tagħna, għal dejjem ta' dejjem! Amen".

Imbagħad wieħed mix-Xjuħ qabad u staqsieni: "Dawn li għandhom ilbiesi twal bojod fuqhom min huma, u minn fejn ġejjin?". "Inti taf, Sinjur", għidtlu jien. Imbagħad qalli: "Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf. Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta' Alla, lejl u nhar jaqduh fit-Tempju tiegħu; u Dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom jgħammru taħt il-kenn tiegħu. Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, anqas ebda għomma, ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron, ikun ir-Ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn l-għejun tal-ilmijiet tal-ħajja. U Alla jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom".

**RESPONSORJU**   Apok 2:10,11; Sir 4:28

R/.  Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja. * Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt, hallelujah.
V/.  Ibqa' ġġieled sal-mewt u għas-sewwa; u l-Mulej Alla jitqabad għalik. * Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt, hallelujah.

**LEZZJONI II**

Qari mid-Diskorsi tal-Isqof San Pietru Damiani
(Sermo 3, De Sancto Georgio)

*Twettaq bis-sinjal tas-salib*

Għeżież, il-festa tal-lum hi marbuta mal-ferħ u l-glorja tal-Għid, qisha ħaġra prezzjuża tleqq li bi ġmielha tkompli ssebbaħ id-deheb li tkun ingastata fih.

San Ġorġ għadda minn eżerċtu għal ieħor; huwa ħalla d-dinjità ta' uffiċċjal tal-art u daħal fl-eżerċtu Nisrani. Bħala suldat tassew qalbieni, huwa ta kulma kellu lill-foqra biex jeħles mill-piż tal-ġid tad-dinja, u hekk, ħafif u bla xkiel, libes il-korazza tal-fidi, u bil-ħeġġa kollha nxteħet f'nofs it-taqtigħ bħala gwerrier ta' Kristu.

Minn dan nitgħallmu sewwa li min jibża' jinfired mill-ġid tal-art ma jistax jissielet u jiddefendi l-fidi bil-qawwa u kif imiss.

San Ġorġ tħeġġeġ bin-nar tal-Ispirtu s-Santu u b'mod tal-għaġeb twettaq bis-sinjal tas-Salib; hekk daħal għat-taqbida kontra sultan ħażin biex jirbaħ lill-prinċep tal-ħżiena kollha fil-qaddej tiegħu, u biex jagħmel il-qalb lis-suldati ta' Kristu ħa jissaraw b'ħilithom kollha.

Il-Mexxej il-kbir li ma jidhirx kien għajnejh fuqu. Huwa għoġbu jħalli l-idejn tal-ħżiena jaħqruh; imma jekk ta ġisem il-martri tiegħu f'idejn qattiela, huwa żamm lil ruħu fil-fortizza qawwija tal-fidi, u ma waqafx iħarsu bid-driegħ setgħani tiegħu.

Inħarsu, ħuti għeżież, lejn dan is-suldat tal-eżerċtu tas-sema, mhux biss biex nistagħġbu bih, imma wkoll biex insiru nixbhuh; nerfgħu l-ispirtu tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-sema, indawru l-għajnejn ta' qalbna 'l fuq, biex ma nħallux lid-dinja ċċaqlaqna, la bil-ħlewwa u ż-żegħil tagħha, lanqas bit-theddid u l-korla tagħha għalina.

*Nitnaddfu minn kull tidnis tal-ġisem u r-ruħ*, kif kien jgħidilna Pawlu, biex 'il quddiem ikun jistħoqqilna nidħlu f'dak it-tempju hieni li l-ħarsa spiritwali tagħna hija mwaħħla fih.

Min irid joffri lilu nnifsu b'sagrifiċċju lil Alla fit-tempju ta' Kristu, li hu l-Knisja, jeħtieġ li, wara li jkun inħasel bl-ilma tal-għajn qaddisa, jilbes l-iblies tal-ħafna virtujiet, kif tgħid l-Iskrittura: *Jilbsu l-qaddisin tiegħek*, biex min jitwieled mill-ġdid fi Kristu bil-magħmudija u jsir bniedem ġdid, ma jibqax iħalli fuqu lbies li juri l-mewt, imma jinża' mill-bniedem il-qadim u jilbes il-ġdid, u jgħix bil-ħerqa kollha f'dan it-tiġdid permezz ta' ħajja safja.

Nitnaddfu, mela, mill-ħmieġ tal-imgħoddi midneb tagħna u niżżejnu bid-dija tal-ħajja l-ġdida, biex jistħoqqilna niċċelebraw il-misteru tal-Għid, u hekk insiru nixbhu tassew lill-qaddisin martri.

## RESPONSORJU

R/. Dan il-qaddis tqabad sal-mewt għal-liġi ta' Alla tiegħu, u ma beżax mit-theddid tal-ħżiena: * Għax kien mibni fuq il-blat, hallelujah.
V/. Huwa maqdar il-ħajja tad-dinja u kiseb is-saltna tas-sema. * Għax kien mibni fuq il-blat, hallelujah.

## TALBA

Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem l-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU

Martri t’Alla, rfajt salibek
u mxejt tajjeb wara Kristu;
b’rebħa kbira fuq l-għedewwa,
ksibt il-hena u sebħ għal dejjem.

Ieqaf magħna bit-talb tiegħek,
biex neħilsu minn ħtijietna;
biegħed minna d-deni kollu,
kun fil-hemm il-faraġ tagħna.

Int qaċċatt l-irbit tal-ġisem
li kien jorbtok ma’ dil-ħajja;
mill-ġibdiet tal-art ħoll lilna,
għall-imħabba ta’ Bin Alla.

Lill-Missier kull ġieħ jingħata,
ġieħ lill-Iben, lill-Ispirtu,
Alla wieħed, li fis-sema
żejnek b’sebħ u ferħ għal dejjem. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Xufftejja jfaħħruk, Mulej, għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, hallelujah.

### Salm 79 (80)

O Ragħaj ta’ Iżrael, agħti widen, *
int li tmexxi bħal merħla ’l Ġużeppi.
Int li qiegħed fuq il-kerubini, *
iddi quddiem Efrajm, Benjamin u Manassi.
Qajjem il-qawwa tiegħek, *
u ejja ħa ssalvana.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa’ fuqna d-dija ta’ wiċċek, u nkunu salvi.

Mulej, Alla tal-eżerċti, kemm se ddum tinkorla *
minkejja t-talb tal-poplu tiegħek?
Tmajthom il-ħobż magħġun bid-dmugħ, *
sqejthom id-dmugħ bix-xaba'.
Għamilt minna t-tilwim tal-ġirien tagħna, *
l-għedewwa tagħna jiddieħku bina.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

Int qlajt dielja mill-Eġittu, *
warrabt il-ġnus biex tħawwel lilha.
Ħejjejt l-art għaliha; *
hi xenxlet għeruqha u mliet l-art.
Tgħattew l-għoljiet bid-dell tagħha, *
bħal ċedri l-kbar iż-żraġen tagħha.
Meddet sal-baħar il-friegħi tagħha,
sax-xmara ż-żraġen tagħha.

Għaliex, mela, ġarraft il-ħitan tagħha, *
u kull min jgħaddi jqaċċat minnha?
Iħarbatha l-ħanżir selvaġġ, *
il-bhejjem tar-raba' jirgħu fiha.

Erġa' ejja, Alla tal-eżerċti; †
ħares mis-sema, u ara,
u żur 'il din id-dielja.

Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek, *
ir-rimja li int kabbart għalik.

Jinqerdu mal-ħarsa qalila ta' wiċċek *
dawk li tawha n-nar u qaċċtuha.
Ħa tkun idek fuq il-bniedem ta' lemintek, *
fuq il-bniedem li int saħħaħt għalik.
Aħna ma nitbegħdux minnek; *
roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

Glorja.

Ant. 1: Xufftejja jfaħħruk, Mulej, għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, hallelujah.
Ant. 2: Martri tal-Mulej, bierku l-Mulej għal dejjem, hallelujah.

**Kantiku** Iż 12:1-6

Inroddlok ħajr, Mulej, għaliex għadabt għalija; *
imma l-korla tiegħek reġgħet lura, u int farraġtni.
Ara, Alla hu s-salvazzjoni tiegħi; *
jiena nittama, u ma jkollix m'niex nibża'.
Għax il-qawwa u l-għana tiegħi hu l-Mulej, *
hu s-salvazzjoni tiegħi.

Kollkom ferħana, *
timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.
U f'dak il-jum għad tgħidu: *
"Għannu lill-Mulej, sejħu lil ismu,
għarrfu lill-ġnus l-għeġubijiet tiegħu, *
xandru li ismu huwa fil-għoli.
Għannu lill-Mulej, għax għamel ħwejjeġ kbar; *
ħa jkun dan magħruf minn-nies kollha tal-art.
Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon, *
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael!".

Glorja.

Ant. 2: Martri tal-Mulej, bierku l-Mulej għal dejjem, hallelujah.
Ant. 3: Lir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju tiegħi, jgħid il-Mulej, hallelujah.

**Salm 80 (81)**

Għannu bil-ferħ lil Alla, qawwa tagħna, *
għajtu bil-ferħ lil Alla ta' Ġakobb!
Għollu leħen tal-għana, doqqu t-tnabar, *
doqqu ċ-ċetra ħelwa mal-arpa.
Doqqu t-tromba mal-qamar ġdid, *
mal-qamar mimli f'jum il-festa tagħna.

Għax dan hu kmandament għal Iżrael, *
din liġi ta' Alla ta' Ġakobb.
Dan l-ordni hu tah lil Ġużeppi, *
huwa u ħiereġ minn art l-Eġittu.

Kliem li ma nafux qiegħed nisma': †
"Neħħejtlek it-tagħbija minn fuq dahrek, *
ħlistlek idek mill-irfigħ tal-qoffa.
Fid-dwejjaq sejjaħtli, u jiena ħlistek; †
b'leħen moħbi, bħal f'ragħda, weġibtek; *
ħdejn l-ilma ta' Meribah ġarrabtek.

Ismagħni, poplu tiegħi, ħa nlumek: *
Iżrael, mhux li kont tismagħni!
Ma jkollokx alla ieħor f'nofskom, *
tinxteħitx quddiem alla barrani.
Jiena l-Mulej, Alla tiegħek, †
li tellajtek mill-art tal-Eġittu; *
ftaħtlek ħalqek u tmajtek.

Iżda l-poplu tiegħi ma semax minni, *
Iżrael ma riedx jaf bija.
Għalhekk tlaqthom għall-ebusija ta' qalbhom, *
biex imxew skont il-fehmiet tagħhom.

Jekk il-poplu tiegħi jisma' minni, *
jekk Iżrael jimxi fi triqati,
minnufih inniżżel l-għedewwa tagħhom, *
idi ndawwar fuq dawk li huma kontrihom.
Dawk li jobogħduhom jersqu jitkaxkru quddiemhom; *
din tkun xortihom għal dejjem.
U lilhom nitmagħhom b'qamħ mill-aħjar, *
inxebbagħhom bl-għasel mill-blat".

Glorja.

Ant. 3: Lir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju tiegħi, jgħid il-Mulej, hallelujah.

## LEZZJONI QASIRA 1 Ġw 5:3-5

Din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu l-kmandamenti tiegħu; u l-kmandamenti tiegħu mhumiex tqal; għax kull min hu mwieled minn Alla jirbaħ lid-dinja. Din hi r-rebħa li rebħet lid-dinja: it-twemmin tagħna. Min hu dak li jirbaħ lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla?

## RESPONSORJU QASIR

R. L-hena jkun dejjem fuq rashom. * Hallelujah, hallelujah. L-hena.
V. Sehemhom ferħ u hena. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. L-hena.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
San Ġorġ għadda minn eżerċtu għal ieħor; huwa ħalla d-dinjità ta' uffiċċjal tal-art u daħal fl-eżerċtu Nisrani, hallelujah.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,

u waqqaf għalina qawwa ta’ salvazzjoni *
f’dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b’fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B’hekk juri ħniena ma’ missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża’
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta’ dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta’ Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja.

Ant. tal-kantiku ta’ Żakkarija:
San Ġorġ għadda minn eżerċtu għal ieħor; huwa ħalla d-dinjità ta’ uffiċċjal tal-art u daħal fl-eżerċtu Nisrani, hallelujah.

**PREĊI**

Ħuti għeżież, permezz tal-martri li taw ħajjithom għall-kelma ta’ Alla, infaħħru s-Salvatur tagħna, li hu x-xhud ta’ min joqgħod fuqu, u ngħidulu:
*Int fdejtna għal Alla b’demmek.*

F’ġieħ il-martri tiegħek, li b’rieda sħiħa għażlu l-mewt biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom,
- agħmel, Mulej, li aħna nkunu tassew ħielsa.

F’ġieħ il-martri tiegħek, li stqarrew il-fidi tagħhom sat-tixrid ta’ demmhom,
- agħtina, Mulej, fidi safja u qawwija sal-aħħar.

F’ġieħ il-martri tiegħek, li refgħu salibhom u mxew warajk,
- agħmel, Mulej, li b’qalb sħiħa nistabru bl-hemm ta’ din il-ħajja.

F’ġieħ il-martri tiegħek, li ħaslu lbieshom fid-demm tal-Ħaruf,
- agħtina, Mulej, ir-rebħa fuq il-qerq tal-ġisem u tad-dinja.

**Missierna**

## Talba

Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem l-għajnuna f’waqtha ta’ San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta’ dejjem. Amen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem. Amen.

## IT-TALB TA’ NOFS IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### Fid-Disgħa ta’ filgħodu

F’dan il-ħin li fih l-Imgħallem
divin tagħna kien imsallab,
kull ħsieb fieragħ minna nwarrbu,
nerfgħu talbna lejh bil-ġabra.

Min lil Kristu jilqa’ f’qalbu
dlonk jistagħna b’ruħ nadifa;
b’talb qaddis, ikun jitsħoqqlu
jgħammar fih l-Ispirtu s-Santu.

Din is-siegħa mbierka temmet
żmien il-jasar taħt il-ħtija;
siegħa hienja li bditilna
żmien il-grazzja ta’ Bin Alla.

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa u dejjem. Amen.

Ant. Il-Mulej tah id-dehen biex jagħraf jirbaħ taqbida qalila, għaliex l-għerf hu aqwa minn kollox, hallelujah.

### F’Nofsinhar

Miġburin fiċ-ċokon tagħna,
b’fommna u qalbna nfaħħru ’l Alla;
niżżuh ħajr u, b’tifħir xieraq;
ngħollu l-isem qaddis tiegħu.

F’din is-siegħa li għaddejja,
ġid jiswielna jekk niftakru
li l-bnedmin, b’sentenza inġusta,
taw għall-mewt l-Imħallef tagħhom.

Imqanqlin bi mħabba safja,
iżda wkoll bil-biża’ tiegħu,
nitolbuh jeħlisna dejjem
minn kull ħbit u qerq tal-għadu.

Jisma’ talbna l-Missier Alla,
u s-Sultan Ibnu l-waħdieni,
mal-Ispirtu, Faraġ tagħna,
tliet Persuni f’Alla wieħed. Amen.

Ant. Libbsu l-Mulej il-kuruna tal-ġustizzja, u tah isem qaddis u glorjuż, hallelujah.

**Fit-Tlieta ta’ waranofsinhar**

Din hi s-siegħa meta d-dija
tal-ħelsien għaġġbet lid-dinja;
is-salib b’dawl qawwi mtela,
keċċa d-dlam u ġieb is-sliema.

Din hi s-siegħa meta Kristu
mejjel rasu u, xħin ta ruħu,
qajjem il-mejtin mill-oqbra,
b’xhieda siekta tal-jiem ġodda.

Nemmnu fiż-żmien ġdid li żernaq,
qatt il-mewt ma ssaltan iżjed;
nemmnu sħiħ li nfetħu beraħ
il-bibien tal-ħajja hienja.

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Amen.

Ant. Huma u sejrin, imorru jibku, iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ, hallelujah.

## Salm 118 (119):113-120

### XV (Samek)

In-nies ta’ żewġt iqlub nobgħodhom; *
imma l-liġi tiegħek inħobbha.

Inti l-kenn u t-tarka tiegħi; *
fil-kelma tiegħek jien nittama.

Tbiegħdu minni, intom nies ħżiena, *
biex inħares il-kmandamenti ta' Alla tiegħi.
Żommni skont il-wegħda tiegħek, biex nibqa' ħaj; *
tħallix bla temma t-tama tiegħi.

Għinni int, u jiena nsalva; *
u ħsiebi jkun dejjem fil-kmandamenti tiegħek.
Int tistmell 'il kull min jitbiegħed
mill-kmandamenti tiegħek, *
għax qarrieqa l-fehma tagħhom.

Bħal skart għalik il-ħżiena tal-art; *
għalhekk inħobb il-preċetti tiegħek.
Jitkexkex ġismi bil-biża' tiegħek; *
mid-digrieti tiegħek nibża'.

Glorja.

## Salm 78 (79):1-5,8-11,13

O Alla, daħlu l-ġnus f'wirtek, †
niġġsu t-tempju mqaddes tiegħek, *
għamlu 'l Ġerusalemm ħerba waħda.
Taw l-iġsma tal-qaddejja tiegħek
b'ikel lit-tjur tal-ajru; *
taw laħam ħbiebek lill-bhejjem tal-art.
Xerrdulhom demmhom bħal ilma madwar Ġerusalemm; *
u ma kienx hemm min jidfinhom.
Waqajna għaċ-ċajt mal-ġirien tagħna, *
għad-daħk u ż-żebliħ għal ta' madwarna.

Mulej, għal dejjem se tibqa' inkurlat magħna? *
Se tibqa' mkebbsa bħan-nar il-ħeġġa tiegħek?

Tiftakrilniex il-ħtijiet tal-imgħoddi; †
fittex ejja u lqagħna bi ħnientek, *
għax ninsabu mifnija għall-aħħar.
Għinna, o Alla, Salvatur tagħna, *
f'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek;
eħlisna u aħfrilna dnubietna, *
minħabba l-isem tiegħek.

Għaliex għandhom jgħidu l-ġnus: *
“Fejn hu Alla tagħhom?”.
Ħa jkunu jafu l-ġnus quddiem għajnejna *
li int titħallas tad-demm li xerrdu
tal-qaddejja tiegħek.
Ħa jasal quddiemek ilfiq l-imjassrin; *
fil-kobor tal-qawwa tiegħek
salva ’l dawk li huma għall-mewt.
U aħna, il-poplu tiegħek
u l-merħla tal-mergħa tiegħek, *
niżżuk ħajr għal dejjem;
minn żmien għal żmien *
inxandru t-tifħir tiegħek.

Glorja.

## Salm 79 (80)

O Ragħaj ta’ Iżrael, agħti widen, *
int li tmexxi bħal merħla ’l Ġużeppi.
Int li qiegħed fuq il-kerubini, *
iddi quddiem Efrajm, Benjamin u Manasse.
Qajjem il-qawwa tiegħek, *
u ejja ħa ssalvana.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa’ fuqna d-dija ta’ wiċċek, u nkunu salvi.

Mulej, Alla tal-eżerċti, kemm se ddum tinkorla *
minkejja t-talb tal-poplu tiegħek?
Tmajthom il-ħobż magħġun bid-dmugħ, *
sqejthom id-dmugħ bix-xaba’.
Għamilt minna t-tilwim tal-ġirien tagħna, *
l-għedewwa tagħna jiddieħku bina.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa’ fuqna d-dija ta’ wiċċek, u nkunu salvi.

Int qlajt dielja mill-Eġittu, *
warrabt il-ġnus biex tħawwel lilha.
Ħejjejt l-art għaliha; *
hi xenxlet għeruqha u mliet l-art.
Tgħattew l-għoljiet bid-dell tagħha, *
bħal ċedri kbar iż-żraġen tagħha.
Meddet sal-baħar il-friegħi tagħha, *
sax-xmara ż-żraġen tagħha.

Għaliex, mela, ġarraft il-ħitan tagħha, *
u kull min jgħaddi jqaċċat minnha?
Iħarbatha l-ħanżir selvaġġ, *
il-bhejjem tar-raba’ jirgħu fiha.

Erġa’ ejja, Alla tal-eżerċti; †
ħares mis-sema, u ara, *
u żur ’il din id-dielja.

Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek, *
ir-rimja li int kabbart għalik.
Jinqerdu mal-ħarsa qalila ta’ wiċċek *
dawk li tawha n-nar u qaċċtuha.
Ħa tkun idek fuq il-bniedem ta’ lemintek, *
fuq il-bniedem li int saħħaħt għalik.
Aħna ma nitbegħdux minnek; *
roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek.

Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; *
itfa’ fuqna d-dija ta’ wiċċek, u nkunu salvi.

Glorja.

**Fid-Disgħa ta’ filgħodu**

**LEZZJONI QASIRA** Apok 2:10

Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-demonju se jixħet lil xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta’ taħbit. Ibqa’ fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.

V/. Il-Mulej libbsu bil-ferħ, hallelujah.
R/. Kuruna ta’ ġmiel kbir qegħedlu fuq rasu, hallelujah.

**F’Nofsinhar**

**LEZZJONI QASIRA** Apok 3:21

Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi, l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu.

V/. Qegħedt fil-Mulej it-tama tiegħi, hallelujah.
R/. Ma nibżax; x’jista’ jagħmilli l-bniedem? Hallelujah.

**Fit-Tlieta ta' waranofsinhar**

**LEZZJONI QASIRA** Apok 19:7,9

Nifirħu u nithennew, u nagħtu glorja lil Alla, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf.

V/. Huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, hallelujah.
R/. Iġorru l-qatet f'idejhom, hallelujah.

**Talba**

Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem l-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Inbierku l-Mulej
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

Mulej Alla, inti x-xorti
waħdanija, l-ġieħ u l-premju
tal-qalbiena kollha tiegħek
li fuq l-art għalik issieltu.

Aħna llum qegħdin infaħħru
martri tiegħek li ta xhieda
ta' twemminu b'tixrid demmu,
biex jintrabat sħiħ ma' Kristu.

Ċaħad l-hena ta' did-dinja,
rifes b'qawwa fuq kull frugħa;
ħsiebu biss li jikseb lilek
u l-wegħdiet imbierka tiegħek.

B'ħila barranija u sabar
tbatijiet qalila ġarrab;
demmu xerred, u int, fi mħabbtek,
ħadtu jgħix għal dejjem miegħek.

F'ġieħ ir-rebħ ta' dan il-martri,
Alla ta' kull tjieba u ħniena,
nitolbuk fiċ-ċokon tagħna,
aħfer lill-qaddejja tiegħek.

Sabiex niġu naqsmu miegħu
l-istess xorti ġewwa s-sema,
miġburin ilkoll madwarek
fid-dar tiegħek, għajn tal-ħajja.

Lilek, o Missier, u miegħek
'l Ibnek u 'l-Ispirtu s-Santu,
ġieħ jintradd, tifħir u glorja,
kif mill-bidu, issa u dejjem. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja, hallelujah.

## Salm 71 (72)

### I

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek, *
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja, *
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek.

Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, *
tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja.
Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu, *
isalva l-fqajrin u jrażżan 'il min jgħakkishom.
Ħa jdum kemm iddum ix-xemx; *
kemm idum il-qamar, minn żmien għal żmien.

Jinżel bħax-xita fuq ir-raba' maħsud, *
bħal ħalba xita li ssaqqi l-art bil-għatx.
Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja, *
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar, *
u mix-Xmara sa truf l-art.

Quddiemu jitbaxxew l-għedewwa tiegħu; *
dawk li huma kontrih it-trab jilagħqu.
Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali; *
is-slaten ta' Xeba u ta' Saba għotjiet iġibulu.
Iqimuh is-slaten kollha, *
il-ġnus kollha lilu jaqdu.

Glorja.

Ant. 1: Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja, hallelujah.
Ant. 2: Min jaqdi lili, lilu jweġġaħ Missieri li hu fis-smewwiet, hallelujah.

### II

Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu, *
u lill-imsejken li m'għandux min jgħinu.

Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar; *
il-ħajja tal-fqajrin isalva.
Jeħlishom mill-qerq u mill-moħqrija; *
demmhom għażiż quddiem għajnejh.

Ħa jgħix is-sultan għal dejjem, *
jingħata lilu deheb ta' Xeba!
Ħa jitolbu għalih dejjem, *
u jberkuh il-jum kollu!
Ikun kotran il-qamħ fuq l-art, *
jogħla sal-qċaċet tal-għoljiet.
Ikun il-frott tiegħu bħal-Libanu, *
iħaddru l-uċuħ bħall-ħaxix tar-raba'.

Ismu jibqa' jissemma għal dejjem; *
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!
Bih jitbierku l-ġnus kollha tal-art; *
il-popli kollha jsejħulu hieni.
Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
li waħdu jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Imbierek għal dejjem l-isem imsebbaħ tiegħu; *
timtela l-art kollha bis-sebħ tiegħu! Amen! Amen!

Glorja.

Ant. 2: Min jaqdi lili, lilu jweġġaħ Missieri li hu fis-smewwiet, hallelujah.
Ant. 3: Min jitlef ħajtu minħabba fija, isibha għal dejjem, hallelujah.

**Kantiku** Apok 11:17-18; 12:10b-12a

Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista' kollox, †
li int u li kont, *
talli ħadt il-qawwa l-kbira tiegħek u bdejt issaltan.
Il-ġnus imtlew bil-korla, †
imma ġiet il-korla tiegħek *
u wasal iż-żmien li jsir ħaqq mill-mejtin
u jingħata l-ħlas mistħoqq, *
lill-qaddejja tiegħek il-profeti,
lill-qaddisin u 'l dawk li jibżgħu minn ismek, *
kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa,
u s-Saltna ta' Alla tagħna, *
u s-setgħa tal-Messija tiegħu,
għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, *
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

U huma ħarġu rebbieħa fuqu
bis-saħħa ta' demm il-Ħaruf *
u bis-saħħa tax-xhieda li taw,
u xejn ma għożżew ħajjithom, *
hekk li ħadu saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet, *
u intom li tgħammru fihom.

Glorja.

Ant. 3: Min jitlef ħajtu minħabba fija, isibha għal dejjem, hallelujah.

**LEZZJONI QASIRA** Apok 7:14b-17

Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf. Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta' Alla, lejl u nhar jaqduh fit-Tempju tiegħu; u Dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom jgħammru taħt il-kenn tiegħu. Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, anqas ebda għomma, ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron, ikun ir-Ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn l-għejun tal-ilmijiet tal-ħajja. U Alla jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom

**RESPONSORJU QASIR**

R/. Il-ġusti jitlibbsu b'dija quddiem il-Mulej. * Hallelujah, hallelujah. Il-ġusti.
V/. Jifirħu dawk kollha ta' qalbhom safja. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. Il-ġusti.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Imwaqqaf fuq blata samma, Ġorġi, suldat nobbli, xejn ma beża' quddiem il-kliem tat-tirann mingħajr Alla; xejn ma fittex il-ġieħ ta' din id-dinja u anqas il-glorja. Baqa', imma, jissielet sal-mewt minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu. Illum bil-glorja u l-ġieħ tal-martirju huwa inkurunat, hallelujah.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' drieghu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
– bħalma wiegħed lil missirijietna – *
b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Imwaqqaf fuq blata samma, Ġorġi, suldat nobbli, xejn ma beża' quddiem il-kliem tat-tirann mingħajr Alla; xejn ma fittex il-ġieħ ta' din id-dinja u anqas il-glorja. Baqa', imma, jissielet sal-mewt minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu. Illum bil-glorja u l-ġieħ tal-martirju huwa inkurunat, hallelujah.

## PREĊI

F'din is-siegħa s-Sultan tal-martri offra lilu nnifsu fl-Ikla tal-aħħar u miet fuq is-salib. Inroddulu ħajr u ngħidulu:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk għax ħabbejtna għall-aħħar, int, is-Salvatur tagħna, l-għajn u l-eżempju ta' kull qawwa fil-martirju:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

Infaħħruk għax inti ssejjaħ lill-midinbin kollha ħalli jindmu biex tagħtihom il-ħajja.
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

Infaħħruk għax tajt is-setgħa lill-Knisja biex toffri d-demm tiegħek li int xerridt għall-maħfra tad-dnubiet, id-demm tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

Infaħħruk għax illum bil-grazzja tiegħek żammejtna sħaħ fil-fidi:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

Infaħħruk għax illum seħibt miegħek ħafna aħwa fil-mewt:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*

**Missierna**

## Talba

Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem l-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. Amen.

## TALBA TA’ GĦELUQ IL-JUM
## IL-ĦAMIS

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

*Wara dan il-versett tal-bidu tkun ħaġa tajba jekk isir l-eżami tal-kuxjenza, li fiċ ċelebrazzjoni fil-komun jista’ jidħol fl-att penitenzjali skond il-formoli wżati fil-Quddiesa.*

**ATT PENITENZJALI**
I. *Issir l-istedina għall-penitenza.*

**Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.**
Isir ftit tas-skiet. Imbagħad kulħadd flimkien jistqarr:
Nistqarr ’l Alla li jista’ kollox,
u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb,
bil-kliem, bl-egħmil u billi ħallejt dmirijieti:
*iħabbtu fuq sidirhom*
ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi.
Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni,
lill-Anġli u l-Qaddisin kollha,
u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.
Tingħata l-assoluzzjoni:
Iħenn għalina Alla li jista’ kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.
R/. **Amen.**

*Jew*

II. *Issir l-istedina għall-penitenza.*

**Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.**
*Isir ftit tas-skiet. Imbagħad jingħad:*
V. Ħenn għalina, Mulej
R. Għax dnibna kontra tiegħek.
V. Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
R. U s-salvazzjoni tiegħek agħtina.

*Tingħata l-assoluzzjoni:*
Iħenn għalina Alla li jista’ kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.
R. **Amen.**

Jew

III. *Issir l-istedina għall-penitenza.*
Ħuti, ejjew nagħarfu ħtijietna.
*Isir ftit tas-skiet. Imbagħad jingħadu dawn l-invokazzjonijiet, jew oħrajn:*
Int li kont mibgħut biex tfejjaq il-bnedmin ta' qalbhom niedma: Mulej, ħniena.
R. **Mulej, ħniena.**
Int li ġejt biex issejjaħ il-midinbin: Kristu ħniena.
R. **Kristu ħniena.**
Int li qiegħed fil-lemin tal-Missier, biex tidħol għalina: Mulej ħniena.
R. **Mulej, ħniena.**

*Tingħata l-assoluzzjoni:*
Iħenn għalina, Alla, li jista' kollox,
jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
R. **Amen.**

## INNU

O Ġesù, Feddej tad-dinja,
inti l-Verb tal-Missier Alla,
dawl minn dawl, li dejjem tishar
fuq il-ħbieb fidili tiegħek.

Int li bik issawru l-ħlejjaq,
u li tagħżel żmien minn ieħor,
lejl ta' serħ u sliem agħtina
wara jum tħabrik u ħidma.

Int li qridt tad-dlam is-saltna,
għinna nirbħu l-għadu tagħna;
qatta' x-xbiek li qed jonsbilna,
la tinsiex li b'demmek fdejtna.

F'dan iż-żmien qasir li għandna
liebsa t-toqol ta' ġisimna,
tħalli qatt lil ruħna tongħos
waqt l-irqad meħtieġ tal-ġisem.

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek issa u dejjem. Amen.

## SALMODIJA

Ant. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

## Salm 15 (16)

*Il-Mulej is-sehem ta' wirti*

Ħarisni, o Alla, *
għax fik jien nistkenn.
Jien għedt lill-Mulej: "Int Sidi, *
m'għandix ġid ieħor ħliefek".
It-twajbin huma l-kbar f'din l-art; *
fihom hi l-għaxqa kollha tiegħi.
L-hemm tagħhom ikattru *
dawk li jaħtru allat oħra.
Ma nsawwabx bħalhom id-demm b'sagrifiċċju, *
anqas isimhom ma nsemmi b'xufftejja.
Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-risq tiegħi, *
inti żżomm f'idejk xortija.
Il-kejl tani art li tgħaxxaq: *
messni sehem tassew għal qalbi.
Inbierek lill-Mulej li tani l-fehma; *
mqar billejl qalbi tgħallimni.
Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi, *
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek.
Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi, *
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.

Għax int ma titlaqnix fl-imwiet, *
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar.
Int tgħallimni t-triq tal-ħajja; †
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek, *
hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek.

Glorja.

Ant. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

## LEZZJONI QASIRA 1 Tess 5:23

Alla tas-sliem iqaddiskom f'kollox, u jżommkom sħaħ bla mittiefsa, fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu.

## RESPONSORJU QASIR

F'Ħadd il-Għid u l-Ottava jingħad:
Ant. Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih! Hallelujah.

Fi żmien il-Għid:
R. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi. Hallelujah, hallelujah. F'idejk.
V. Int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. F'idejk.

Ant. **Salvana, Mulej, u ħarisna binhar u billejl, biex nishru ma' Kristu u nistrieħu fis-sliem, hallelujah.**

## KANTIKU EVANĠELIKU   Lq 2:29-32

*Kristu dawl tal-ġnus u glorja ta' Iżrael*

Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek *
imur fis-sliem, skont kelmtek;
għaliex għajnejja raw *
is-salvazzjoni tiegħek,
li int ħejjejt *
għall-popli kollha:
dawl biex idawwal il-ġnus, *
u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael.

Glorja.

Ant. **Salvana, Mulej, u ħarisna binhar u billejl, biex nishru ma' Kristu u nistrieħu fis-sliem, hallelujah.**

## Talba

Mulej Alla tagħna, agħtina l-heda u l-mistrieħ wara t-taħbit u l-għeja tal-lum, biex bl-għajnuna tiegħek niksbu saħħa ġdida, ħalli ningħataw b'ruħna u ġisimna għall-qadi tiegħek. Bi Kristu Sidna.
R/. Amen.

*Wara t-talba tingħad il-barka:*
Il-Mulej li jista' kollox jagħtina lejl kwiet u tmiem tajjeb.
R. Amen.

*Fl-aħħar nett, mingħajr versett u talba, tingħad l-antifona tal-Madonna għal żmien l-Għid.*

Sultana tas-sema, ifraħ, hallelujah,
għax Dak li stħaqqlek tkun ommu, hallelujah,
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah
itlob 'l Alla għalina, hallelujah.